# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' April 2019**

**Numru 7**

**Rikors Numru 1031/2015/1 MCH**

**Raymond Avallone f'ismu proprju**
**u bħala direttur f'isem is-soċjetà**
***Rays Car Hire Limited (C-11398)***

***v.***

**Onorevoli Prim Ministru; Onorevoli Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima; Onorevoli Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva; l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

1. Dan huwa appell tal-Awtorità tal-Ippjanar ["l-Awtorita"] minn sentenza preliminari mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' April 2018 li laqgħet eċċezzjoni tal-Awtorità li m'hijiex kontradittriċi leġittima u għalhekk ma ħelsitiex mill-ħarsien tal-ġudizzju.

2. Il-qorti sejra qabel xejn tqis eċċezzjoni ta' nullità tal-appell imressqa mill-atturi billi, jekk tintlaqa' l-eċċezzjoni, l-appell jieqaf hawn. L-eċċezzjoni tgħid hekk:

> »Illi l-appell interpost mill-appellanta awtorità huwa null u bla effett *stante* li *si tratta* ta' appell minn deċiżjoni preliminari mogħtija mill-ewwel onorabbli qorti u li, a bażi ta' dak provdut fl-artikolu 231 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, seta' jsir biss jekk l-istess appellanti titlob u totjeni l-permess tal-istess onorabbli qorti sabiex l-istess appell ikun jista' jiġi interpost.«

3. L-art. 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

> »**231.** (1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jinqatgħu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiż-żmien li jmiss li jibda jgħodd mill-jum meta tingħata l-aħħar sentenza; u f'dak l-appell għandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:
>
> »Iżda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-aħħar sentenza biss bil-permess tal-qorti mogħti fil-qorti bil-miftuħ; u din it-talba għal permess biex isir appell għandha ssir jew verbalment meta tingħata s-sentenza jew b'rikors fi żmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u, meta jingħata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iż-żmien biex jiġi preżentat l-appell relattiv għandu jibda għaddej mill-jum minn meta jingħata dak il-permess fil-qorti bil-miftuħ.
>
> »(2) Meta jkun hemm azzjoni li tkun tinvolvi iktar minn attur wieħed jew iktar minn konvenut wieħed, sentenza li taqta' l-azzjoni dwar xi attur jew konvenut partikolari jista' biss isir appell minnha fiż-żmien stabbilit li jibda jitqies mill-jum ta' dik is-sentenza.«

4. Il-kawża tallum kienet tinvolvi aktar minn konvenut wieħed iżda s-sentenza appellata ma qatgħetx l-azzjoni dwar l-Awtorità, appuntu għax l-eċċezzjoni ta' din li għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju ġiet miċħuda u għalhekk l-azzjoni kontra tagħha sejra titkompla.

5. Dan ifisser illi l-Awtorità ma setgħetx tappella mis-sentenza qabel ma titlob u tingħata l-permess meħtieġ taħt il-*proviso* għall-art. 231(1). L-Awtorità iżda la talbet u lanqas ingħatat permess biex

tappella. Konsegwenza ta' dan in-nuqqas hija illi l-appell ma setax isir, u l-eċċezzjoni tal-atturi għalhekk għandha tintlaqa'.

6. Il-qorti għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni ta' nullità tal-appell u ma tqisx l-appell, bla ħsara għal kull jedd li jista' jkollha l-Awtorità li terġa' tressaq l-appell fiż-żmien li tagħti l-liġi wara li l-ewwel qorti tkun tat l-aħħar sentenza fil-kawża. Tordna li l-atti jintbagħtu lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ tal-kawża

7. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom l-Awtorità.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb